

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Lulju 2011 —  
Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-197/09)**

“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Spejjeż esklużi mill-finanzjament Komunitarju —  
Uċuh tar-raba’ li jinħarat”

1. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni dwar il-clearance tal-kontijiet skont l-infiq iffinanzjat mill-FAEGG (Artikolu 253 KE) (ara l-punti 20-23)*
2. *Agrikoltura — FAEGG — Clearance tal-kontijiet — Rifjut ta’ teħid ta’ responsabbiltà għal infiq li jirriżulta minn irregolaritajiet fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja — Kontestazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat — Oneru tal-prova — Tqassim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru (ara l-punti 39, 40, 83)*
3. *Agrikoltura — FAEGG — Clearance tal-kontijiet — Rifjut ta’ teħid ta’ responsabbiltà għal infiq li jirriżulta minn irregolaritajiet fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja — Estrapolazzjoni ta’ konstatazzjonijiet ta’ nuqqasijiet fis-sistema ta’ kontroll ta’ Stat Membru minn reġjuni għal reġjunijiet oħra — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet (ara l-punti 58-64)*

## **Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/253/KE, tad-19 ta’ Marzu 2009, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) (ĠU L 75, p. 15), sa fejn tikkonċerna lir-Repubblika tas-Slovenja.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika tas-Slovenja għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2011 — Emme vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-422/10 R)

“Miżuri provviżorji — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa — Garanzija bankarja — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Dannu finanzjarju — Nuqqas ta' ċirkustanzi eċċezzjonali — Nuqqas ta' urġenza”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ġhoti — Fumus boni juris — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva — Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni — Ordni ta' eżami u metodu ta' verifika — Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 11-13)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-ġhoti — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova — Dannu finanzjarju — Riskju ta' falliment (Artikolu 278 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 16-18)*
3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-obbligu li tiġi kkostitwita garanzija bankarja bħala kundizzjoni għan-nuqqas tal-irkupru immedjat ta' multa imposta minħabba ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Kundizzjonijiet għall-ġhoti — Ċirkustanzi eċċezzjonali — Teħid inkunsiderazzjoni tal-grupp ta' appartenenza tal-impriża u tal-azzjonisti tiegħu (Artikolu 278 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 104(2)) (ara l-punti 22-37)*